**Għandek għalfejn tiċħad barka?**

Fraħt bik bħal kull wieħed
Tbissimtlek kif imiss
U qlajt biss minn għandek
Ħarsa kerha inkiss.
Li twaħħax qiegħ l-infern
Għax marid hu l-intern.

Imbagħad ridt inbierkek
Bħalma nagħmel bil-ferħ,
U int ċħadtli l-barka
Kif qatt, għid, m'għandek serħ?
Eh dik il-kburija
Miġnuna w mifnija.

Imma issa nifhem
Xi qrusa tinsab fik,
Għax jekk twarrab barka
Liema ferħ se jimliek?
Dan biex ma tkunx umli
Mhux b'hekk trid tkun buli.

Għalik jien se nitlob
Kull ħin, waqt u mument,
Ħalli l-Mulej tagħna
Fl-aħħar jagħmlek kuntent.
U jekk trid it-tarka
Ilqagħa hi l-barka.

Patri Mario Attard OFM Cap
19 ta' Diċembru 2024

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.